MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 95/2022 LM

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Dr. Mark Muscat (K.I. 409077(M))** *('l-appellant')*
**u**
**L-Kummissarju għall-informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Dr. Mark Muscat (K.I. nru. 409077(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Ġunju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal tal-

Appelli Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda:

(a) l-appell tar-rikorrenti **HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’] fil-konfront tal-istess appellant u tal-intimat l-ieħor **il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data** [minn issa ’l quddiem ‘il-Kummissarju’] billi laqa’ l-ewwel u t-tieni aggravju tagħha u rrevoka d-deċiżjoni tal-imsemmi Kummissarju tal-25 ta’ Settembru, 2020 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni tal-Kummissarju’] fejn dan kien sab ksur tas-subartikolu 12(3) u tas-subartikolu 15(3) tar-Regolament UE 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif implimentat permezz tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta’ Malta, ċaħad it-tielet u r-raba’ aggravju tagħha, laqa’ il-ħames aggravju billi ddikjara li *“...id-dokumenti imsemmija mill-Bank ... jaqgħu taħt it-tifsira ta’ materjal kunfidenzjali u għalhekk ma għandux jgħaddi lil Muscat”,* u laqa’ anki s-sitt aggravju billi varja l-piena mposta għal multa ta’ elf Euro (€1,000); u

(b) l-appell inċidentali tal-appellant, billi ddikjara li ma setax jieħu konjizzjoni tiegħu stante li ma kellu l-ebda kompetenza biex jagħmel dan.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw ilment li kien ressaq l-appellant quddiem il-Kummissarju fit-22 ta’ Frar, 2019 fil-konfront tas-soċjetà appellata, wara li huwa kien talab għall-informazzjoni abbażi tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April, 2016, dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data

personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data [minn issa ’l quddiem ‘ir-Regolament’]. L-ilment tiegħu ġie deċiż mill-Kummissarju fil-25 ta’ Settembru, 2020 fejn ġie konstatat ksur tas-subartikolu 12(3) tar-Regolament u tar-Regolament 6 tal-L.S. 586.09, filwaqt li ġiet imposta piena amministrattiva fuq is-soċjetà appellata ta’ ħamest elef Euro (€5,000).

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellata appellat minn dik d-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, fejn talbet sabiex:

*“1. Jirrevoka u jħassar* in toto *id-Deċiżjoni tal-Kummissarju li kien hemm xi ksur tal-liġi da parti tal-HSBC u li jimponi multa fuq l-HSBC u dan, abbażi ta’ żbalji materjali tal-fatti u tal-liġi da parti tal-istess Kummissarju;*

*2. Jordna li t-talbiet tal-kwerelant Dr Mark Muscat kienu bla ebda bażi legali u li kienu eċċessivi u li allura anki fil-konfront tal-*Facebook post *li huwa anness ma’ dan l-appell, dan ma kellux u għad m’għandux dritt assolut u/jew awtomatiku għal aktar kopji u li l-ordni tal-Kummissarju f’para i., f’P.12 tad-Deċiżjoni appellata issa ġiet sorvolata;*

*3. Jordna li dokumenti protetti bis-sigriet professjonali u/jew privileġġ legali bejn avukat u l-klijent tiegħu ma jistgħux jiġu żvelati u li l-kwerelant m’għandux dritt għalihom u allura l-ordni tal-Kummissarju f’paragrafu ii., f’P.12 tad-Deċiżjoni appellata għandha tkun nulla;*

*4. Jirrevoka u jħassar in toto id-Deċiżjoni tal-Kummissarju fil-paragrafu iii. f’P.12 tad-Deċiżjoni appellata;*

*5. Jordna li m’għad baqa’ xejn x’jingħata mill-HSBC lil Dr Mark Muscat f’din il-vertenza;*

*6. Jordna lil Dr Mark Muscat jieqaf u jiddesisti milli jkompli jagħmel talbiet lil jew ilmenti mal-HSBC li jkunu frivoli, vessatorji u/jew eċċessivi u/jew bla ebda bażi legali;*

*7. jillikwida dawk id-danni kollha, anki* arbitrio boni viri, *li fl-opinjoni tat-Tribunal, l-appellanta HSBC għandha dritt għalihom skont il-ligi, mingħand l-appellat;*

8. *Jieħu dawk il-passi kollha neċessarji biex jissalvagwardja l-interessi ġuridiċi tal-appellanta HSBC.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u/jew il-kwerelant Dr Mark Muscat."*

4. L-appellant laqa' billi filwaqt li ddikjara li l-appell għandu jiġi miċħud għaliex l-aggravji tas-soċjetà appellata kienu infondati, frivoli u vessatorji, ipprevalixxa ruħhu mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 240 tal-Kap. 12 sabiex intavola appell inċidentali fejn talab lit-Tribunal sabiex jogħġbu:

*"1) Ivarja d-decizjoni tal-Kummissarju datata 25 ta' Settembru 2020 billi jħassar il-biċċiet segwenti:*

*"ii. The restriction invoked by the controller pursuant to regulation 4(3) of S.L. 586.09 was necessary and proportionate in relation to all of the withheld information except the information concerning the Facebook post ...".*

*"After giving due regard to the above infringements and the cirucmstances contemplated under article 83(2) of the Regulation, and taking into account article 83(5)(b) thereof, the Commissioner imposes an administrative fine of five thousand euro (€5,000) pursuant to article 58(2)(i), which shall be paid within twenty (20) days from the date of receipt of this decision."*

*"ii. Provide the remaining information to the complainant when the legal proceedings are exhausted and as a result, the restriction invoked pursuant to regulation 4(e) of S.L.586.09 no longer applies;"*

*2) Jordna lill-Kummissarju jagħmel eżerċizzju skont il-parametri spjegati fil-ġurisprudenza fuq ċitata u l-argumenti mressqa mill-esponent fl-ewwel aggravju tiegħu sabiex jasal għal konklużjoni ġdida skont ir-riżultati tal-istess eżerċizzju.*

*3) Jordna lill-kontrollur sabiex ġaladarba ma kienx ġustifkat li jinvoka restrizzjonijiet dwar d-data kollha, huwa għandu jipprovdi b'mod immedjat id-data kollha li l-esponent appellant ikun intitolat għaliha skont l-eżerċizzju surreferit.*

*4) Jimponi l-ħlas ta' multa sinifikanti li tkun "effective, proportionate and dissuasive" tenut kont tal-attitudni tal-kontrollur fir-rigward ir-regolament mertu ta' dan l-appell, tan-nuqqasijiet u ksur tar-regolamenti kollha li ġew stabbiliti da parti tiegħu, u kif ukoll tad-daqs u tal-portata tiegħu.*

*5) Jieħu dawk il-passi kollha neċessarji sabiex jissalvagwardja l-interessi ġuridiċi tal-esponent appellant Dr Mark Muscat.*

*Bl-ispejjeż"*

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkonsidra*

*Illi f'dan il-każ sar appell mill-Bank u appell inċidentali minn Mark Muscat.*

***L-appell inċidentali***

*Dwar l-appell inċidentali dan it-Tribunal jirrileva li l-Kap 586 ma jagħtix poter lil ħadd li jagħmel appell inċidentali iżda biss appell. L-artikolu 26 tal-Kap 586 huwa ċar u jittratta biss dwar appell li jista' jsir lit-Tribunal u mhux appell inċidentali. L-artikolu 27 tal-istess Kap jispeċifika li dan it-Tribunal għandu kompetenza jisma' appelli u mhux anke appelli inċidentali. Kieku l-leġislatur ried jagħti l-fakultà li wieħed jista' jagħmel appell inċidentali kien jistipula dan bħal ma jistipula dan l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Tali eċċezzjoni ta' kompetenza tista' tiġi sollevata ex ufficio mit-Tribunal u dan kif stabilew diversi sentenzi tal-Qorti fosthom App Inf per Imħ Sciberras fl-ismijiet Paul Borg et vs Vassallo Jane deċiż 15 ta' Diċembru 2003.*

*Li għalhekk dan it-Tribunal ma jistgħax jieħu konjizzjoni tal-appell inċidentali ta' Mark Muscat stante li ma għandux kompetenza li jagħmel dan.*

***L-appell tal-HSBC Bank Malta plc***

*Li fit-22 ta' Frar 2019 Mark Muscat ilmenta mal-Kummissarju li HSBC Bank Malta plc ma tawhx kopja sħiħa ta' data personali l-bank ppproċessa dwaru kemm bħala ex impjegat u kif ukoll bħala uffiċjal ta' trade union.*

*Ir-Regolament imsemmi f'din id-deċiżjoni huwa Regolament (UE_2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ġie implimentat fil-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi fid-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2020 il-Kummissarju ddeċieda kif ġej:*

*Kien hemm ksur tal-artikolu 12(3) tar-Regolament meta t-talba li għamel Muscat lill-Bank fid-19 ta' Lulju 2018 l-Bank ma rrispondiex fi żmien xahar skont l-artikolu 12(3) tar-Regolament u minflok ħa kważi tlett (3) xhur biex irrisponda;*

*Li r-restrizzjoni invokata mil-bank ai termini tar-regolament 4(e) tal-Liġi sussidjarja 586.09 kienet ġustifikata fil-każ ta' data miżmuma minbarra d-data li tikkonċerna l-Facebook post;*

*Li kien hemm ksur tal-artikolu 15(3) tar-Regolament rigward id-data proċessata li tikkonċerna Facebook post;*

*Li kien hemm ksur tar-regolament 6 tal-Liġi sussidjarja 586.09 stante li l-bank kellu jinforma lil Muscat dwar ir-restrizzjoni li l-Bank invoka riżultat tal-proċeduri legali li kien hemm bejn il-partijiet;*

*Li kien hemm ksur tal-artikolu 28(3)(e) tar-Regolament wara li l-bank naqas li jgħaddilu kopja sħiħa tal-controller processor agreement sabiex huwa jkun jista' jivverifika jekk dan il-ftehim fihx klawsola li tgħid li l-HSBC UK (processor) għandu jassisti lil HSBC Malta (kontrollur) għat-twettiq tal-obbligi tal-kontrollur.*

*Illi fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju kien impona multa amministrattiva ta' ħamest elef ewro ai termini tal-artikolu 58(2)(i) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.*

***L-appell tal-HSBC Bank Malta plc***

*Fl-appell tiegħu l-HSBC Bank Malta plc dwar:*

*l-ewwel aggravju*

*(i) Kien hemm ksur tal-artikolu 12(3) tar-Regolament meta t-talba li għamel Muscat lill-Bank fid-19 ta' Lulju 2018 l-Bank ma rrispondiex fi żmien xahar skont l-artikolu 1(3) tar-Regolament u minflok ħa kważi tlett (3) xhur biex irrisponda;*

*Huwa jametti li l-informazzjoni mitluba ingħatat wara li kienu għaddew it-tletin (30) ġurnata iżda jgħid li skont l-artikolu 12 (3) tali perjodu ta' tletin ġurnata jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn meħtieġ u li dan kellu jiġi estiż minħabba l-kumplessità u n-numru ta' talbiet kif ukoll li dan 'id-dewmien' ma kienx ta' detriment lil Muscat.*

*It-Tribunal wara li ħa konjizzjoni ta' dan, tal-atti u tar-risposta ta' Muscat jikkonkludi kif ġej:*

*Artikolu 12(3) tar-regolament jipprovdi li:* Il-kontrollur għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-azzjoni meħuda fuq talba skont l-Artikolu 15 sa 22 lis-suġġett tad-data mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ, fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba. Dak il-perijodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn meħtieġ, b'kont dovut tal-

kumplessità u n-numru ta' talbiet. Il-kontrollur għandu jinforma s-suġġett tad-data dwar kwalunkwe estensjoni fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien. Fejn is-suġġett tad-data jagħmel it-talba b'mezzi f'forma elettronika, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi, fejn ikun possibbli, sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor mis-suġġett tad-data.

*L-informazzjoni mitluba mil-Bank ingħatat lil Muscat kważi tlett xhur wara skont il-Kontrollur. Veru li l-bank naqas milli jinforma lil Muscat li għandu bżonn aktar żmien biex jagħti l-informazzjoni mitluba u r-raġunijiet għal dan id-dewmien, u ma nġabet ebda prova li dan ġara b'negliġenza da parti tal-istess bank, jew li Muscat sofra xi preġudizzju b'dan id-dewmien.*

***Għaldaqstant dan it-Tribunal jikkonkludi billi jilqa' dan l-aggravju tal-bank u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju fir-rigward li kien hemm ksur tal-artikolu 12 (3) tar-Regolament de quo.***

***It-tieni aggravju***

*It-tieni aggravju tal-Bank hija d-deċiżjoni tal-Kummissarju cioe li li kien hemm ksur tal-artikolu 15(3) tar-Regolament rigward id-data proċessata li tikkonċerna Facebook post; il-Kummissarju jispjega li Muscat kellu dritt għal Facebook post li ppubblika huwa stess kif ukoll għall-ittra tat-2 ta' Diċembru 2016 mibgħuta mil-bank lill-istess Muscat. U jagħti raġun lil Muscat li anke kieku għandu dawn id-dokumenti huwa xorta għandu dritt għall aktar kopji ta' dawn id-dokumenti skont l-artikolu 15(3) tar-Regolament.*

*Il-Bank jikkontendi li l-Facebook post diġà jinsab fil-pussess ta' Mark Muscat u l-Bank għandu dritt jirrifjuta li jerġa' jagħti kopja tal-istess dokumenti. U invoka r-regolament 4€ tal-Liġi sussidjarja 586.09 jew aħjar l-Avviż Legali 177 tas-sena 2018.*

*Il-bank esebixxa dan il-Facebook post mal-appell tiegħu.*

*Illi l-artikolu 15(3) tar-Regolament jgħid hekk:* Il-kontrollur għandu jipprovdi kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata. Għal aktar kopji mitluba mis-suġġett tad-data, il-kontrollur jista' jimponi tariffa raġonevoli bbażata fuq l-ispejjeż amministrattivi. Fejn is-suġġett tad-data jagħmel it-talba b'mezzi elettroniċi, u sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor mis-suġġett tad-data, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'forma elettronika użata b'mod komuni.

*Illi mill-atti jirriżulta li dan il-Facebook post li tella' Muscat ġie ordnat ineħħiha mill-avukat tal-bank permezz ta' ittra mill-avukat tal-istess bank u hekk ġara.*

*Dan it-Tribunal ma jistgħax jifhem kif il-Kummissarju kkonkluda li dan il-Facebook post li kiteb Muscat stess jaqa' taħt it-tifsira ta' 'data personali' fit-termini tal-artikolu*

*15 (3) meta t-tifsira mogħtija minn dan ir-Regolament ta' data personali fl-artikolu 4(1) hija:*

"data personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ("suġġett tad-data"); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika;

*Illi għalhekk il-Facebook post li tella' Muscat ma jaqgħax taħt it-tifsira ta' data personali u għalhekk lanqas jista' l-bank jiġi ordnat jipprovdi aktar kopji tad-data personali meta ma hemmx data personali f'dan ir-rigward.*

***Illi għalhekk dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi bill jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju fir-rigward u ċioe li kien hemm ksur tal-artikolu 15 (3) tar-regolament rigward id-data proċessata.***

***It-tielet aggravju***

*It-tielet aggravju tal-Bank huwa li ma kienx hemm ksur ta' liġi da parti tiegħu meta l-Bank ma tax informazzjoni dwar ir-restrizzjoni u dan għax Musat kien jaf li hemm diversi kawżi kontra l-Bank li beda hu u għalhekk l-Bank ma kellux għalfejn jinfurmah b'dan. Inoltre, il-liġi stess tagħtih s-setgħa li jista' jagħmel dan.*

*Il-Kummissarju f'dan ir-rigward kien iddeċieda kif ġej:*

*Li kien hemm ksur tar-regolament 6 tal-Liġi sussidjarja 586.09 stante li l-Bank kellu jinforma lil Muscat dwar ir-restrizzjoni li l-Bank invoka riżultat tal-proċeduri legali li kien hemm bejn il-partijiet;*

*Illi l-provi ta' dan ir-regolament jgħid li tali regola tapplika sakemm tali żvelar ma għandux ikun ta' preġudizzju għall-finijiet tar-restrizzjoni applikata konformement ma' dawn ir-regolamenti.*

*Jiġi rilevat iżda li l-Kummissarju kkonkluda (fol 5 dikjarazzjoni tal-każ) li r-restrizzjoni invokata ai termini tar-regolament 4(2) tal-Liġi sussidjarja 586.09 kienet iġġustifikata fil-każ ta' data miżmuma minbarra d-data li tikkonċerna l-Facebook post.*

*Dawn il-proċeduri għadhom pendenti.*

*Il-Bank kull ma kellu jagħmel kien li jinforma lil Muscat li minħabba l-kawżi pendenti li Muscat għamel kontra l-Bank, l-Bank kien qed jinvoka l-proviso tar-regolament*

*oppona biss dak il-materjal li kien ser juża fil-proċeduri legali li Muscat għamel kontra tagħha. Mill-atti jirriżulta li dan ma sarx.*

***Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud***

***Ir-raba' aggravju***

*Ir-raba' agravju tal-bank huwa li l-Kummissarju qatt ma spjega li huwa ried jivverifika l-aderenza tal-HSBC mal-artikolu 28 da parti tal-HSBC u fehem li l-Kummissarju ried sempliċiment jikkonferma min kien il-kontrollur tad-data (HSBC Malta) u min kien il-proċessur tad-data (HSBC UK) peress li Muscat kien qed jagħmel l-ilment/talbiet mat-tnejn li huwa u li effettivament l-bank fil-5 ta' Awissu 2020 għadha lil Kummissarju kopja tal-Intra Group Service Agreement.*

*Il-Kummissarju kien kkonkluda li l-bank naqas li jippreżenta l-controller-processor agreement bejn l-HSBC UK u l-HSBC Malta u għalhekk kkonkluda li kien hemm ksur tal-artikolu 28(3)(3) tar-Regolament.*

*Illi l-bank appellat ippreżenta dan l-agreement bħala dokument anness mar-rikors tal-appell tiegħu u dan kif kellu dritt li jagħmel skont l-artikolu 26(3) tal-Kap 586. Però jibqa' l-fatt li tali artikolu 26(3) jirrigwarda produzzjoni ta' dokument ieħor li jkun neċessarju bħala appoġġ għall-appell u mhux dokument li jkun mitlub mil-Kummissarju fi stadju qabel dan l-appell. Ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni għal bank għaliex huwa baqa' ma għaddiex meta ġie mitlub mil-Kummissarju.*

***Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.***

***Il-ħames aggravju***

*Il-ħames aggavju huwa li l-Kummissarju ma jistgħax jordna li materjal protett bis-sigriet professjonali u li jitqies bħala legally privileged jiġi żvelat u jispjega li l-Kummissarju meta ordna li wara li jintemmu l-proċeduri ġudizzjarji bejn il-partijiet l-Bank għandu jagħti* 'il-materjal rimanenti' *kollu lil kwerelant, għandu jispjega x'hiex jikkonsistu dawn id-dokumenti.*

*Il-Bank jgħid li huwa jikkontendi li lil Muscat ma għandux jagħtih s-segwenti dokumenti:*

Reports by the General Counsel to the Bank's Board of Directors/Executive-committee giving updates on salient litigation matters, including those relating to the data subject and minutes of those meetings;

Correspondence between HSBC Group and HSBC Malta Legal Counsel;

Correspondence with Regulators/Authorities following complaints lodged by the data subject against the Bank in order to be able to defend itself -IPDC, DIER, MFSA

Internal correspondence as well as external correspondence with Legal Counsel to obtain legal advice in relation to different disputes with the data subject.

*It-Tribunal jirrikonoxxi li dokumenti ta' materja kunfidenzjali jmorru oltre dawk protetti mil-liġi tad-Data u għalhekk għandha ssir distinzjoni bejn dokumenti li huma kunfidenzjali ma' dawk li jaqgħu taħt il-liġi tad-data liema dokumenti jirrigwardaw informazzjoni personali dwar Muscat.*

*Għaldaqstant il-Kummissarju kellu jagħmel distinzjoni bejn dak il-materjal rimanenti li huwa kunfidenzjali u dak li jirrigwarda informazzjoni personali dwar Muscat.*

*Fil-fehma ta' dan it-tribunal d-dokumenti imsemmija mil-Bank u li l-Bank jikkontendi li ma għandux jgħaddi lil Muscat jaqgħu taħt it-tifsira ta' materjal kunfidenzjali u għalhekk ma għandux jgħaddi lil Muscat.*

***Għaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' dan l-aggravju tal-bank appellanti.***

***Is-sitt agravju***

*Is-sitt agravju tal-Bank appellanti huwa dwar il-multa imposta mill-Kummissarju liema multa l-Bank jgħid li ma hix ġustifikata.*

*It-Tribunal wara li ħa konjizzjoni ta' din id-deċiżjoni u ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 586 qed ivarja l-piena għal multa ta' elf ewro (Ewro 1000).*

***It-talba tal-Bank appellant***

*L-appellanti Bank fl-aħħar għamel diversi talbiet iżda dan it-Tribunal jista' biss jieħu konsiderazzjoni tal-aggravji tiegħu u ma jistgħax imur oltre. L-artikolu 26(2) tal-Kap 586 jistipula r-raġunijiet li wieħed jista' jagħmel appell quddiem dan it-Tribunal u t-Tribunal huwa marbut bihom. Għalhekk talbiet tal-bank bħas-sitta u seba' u tmien talbiet dan it-Tribunal ma għandux poter li jieħu konsiderazzjoni tagħhom. It-talbiet l-oħra diġà jinsabu fl-aggravji tal-appell tal-istess bank.*

*Dwar l-appell inċidentali ta' Mark Muscat, stante li l-KAP 586 ma jagħtix din il-fakultà iżda jsemmi biss dritt t'appell, dan it-Tribunal ma jistax jieħu konjizzjoni tiegħu u qed jiċħad l-istess."*

## <u>L-Appell</u>

6. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal u meħudin in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata.

7. L-appellant jgħid li l-ewwel aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal għamel żball meta ddeċieda l-eċċezzjoni tal-kompetenza *ex officio* mingħajr ma ta lill-partijiet opportunità sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. L-appellant jirreferi għall-fatt li skont il-ġurisprudenza tagħna, it-Tribunal jew il-Qorti, skont il-każ, għandu jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fejn titqajjem eċċezzjoni *ex officio* ta' natura perentorja, sabiex b'hekk tingħata opportunità lill-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Huwa hawn jagħmel riferiment partikolari għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tas-26 ta' Ġunju, 2009, App.nru. 170/2002 fl-ismijiet **Anthony Bezzina noe *vs.* Direttur tal-Kuntratti et**. L-appellant jikkontendi permezz tat-tieni aggravju tiegħu li t-Tribunal żbalja wkoll meta ddeċieda li huwa m'għandux kompetenza li jiddeċiedi dwar l-appell inċidentali għaliex il-Kap. 586 ma kien jagħti l-ebda fakultà fir-rigward, iżda kien joffri biss l-opportunità li jsir appell. Jissottometti li huwa ma jaqbilx mal-pożizzjoni meħuda mit-Tribunal li jekk il-leġislatur ried jipprovdi għal din il-fakultà, dan kien jgħidu bħal ma kien il-każ fil-Kap. 12. Jikkontendi li l-liġi ġenerali m'għandhiex titwarrab sakemm din ma tkunx kunfliġġenti mal-liġi speċjali. Jgħid li fil-każ odjern il-Kap. 586 ma kienx jipprojbixxi appell inċidentali, u dan fil-fehma tiegħu ma jippreġudikax d-dritt ta' appell li hemm fl-istess liġi. Huwa hawn jagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2009, App.nru. 6/2009 fl-ismijiet **Peter Agius *vs.* Melita plc** fir-rigward tal-applikabbilità tal-Kap. 12 bħala liġi ġenerali. It-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda żball ieħor li fil-fehma tiegħu wettaq it-Tribunal, jiġifieri meta dan laqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellata għar-raġunijiet imfissra fid-deċiżjoni appellata. Jikkontendi li ġaladarba t-Tribunal kien sab li l-imsemmija

soċjetà appellata kienet naqset milli tikkomunika lill-appellant li hija kellha bżonn iktar żmien sabiex tgħaddilu l-informazzjoni mitluba flimkien mar-raġunijiet tagħha, b'hekk inkiser is-subartikolu 12(3) tar-Regolament. L-appellant jargumenta li l-ksur tad-drittijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* huwa meqjus tant serju li jwassal ukoll għal ksur ta' dritt fundamentali, u dan jgħidu b'riferiment għall-para. 26 tar-risposta tal-Kummissarju, u għalhekk jekk ippruvat, għandu jiġi sanzjonat. Isostni li tant hu hekk, li mhux biss dan iwassal għall-impożizzjoni ta' multi regolatorji, iżda wkoll għal ħlas ta' danni morali skont strumenti internazzjonali, ir-Regolament, u l-Kap. 586, fejn huwa jiċċita b'mod partikolari l-artikolu 30 tiegħu. Fid-dawl ta' dan kollu, jgħid li t-Tribunal kien tassew żbaljat meta ddikjara li sabiex jinstab ksur tas-subartikolu 12(3) tar-Regolament, kien hemm bżonn prova ta' negliġenza min-naħa tas-soċjetà appellanta, u anki prova li huwa sofra preġudizzju. L-appellant jirrileva li l-Artikolu 82 tar-Regolament jipprovdi b'mod ċar li suġġett ta' *data* jista' ukoll jiġi ppreġudikat fir-rigward ta' *"non-material damage as a result of an infringement of this regulation...",* u li jkopri "*distress"* riżultanti mill-imsemmi ksur, u jgħaddi sabiex jiċċita l-istess, filwaqt li jissottometti li l-prinċipju huwa rifless fir-Recital 146 tal-GDPR kif ċitat minnu wkoll. Jagħmel riferiment ukoll għal Recital 85 tal-GDPR, fejn jgħid li hemm imsemmi *"loss of control"* bħala eżempju ta' *"non-material damage",* u jsostni li dan l-eżempju juri li *"distress"* ikkaġunat mill-kontrollur lis-suġġett ta' *data* riżultat ta' ksur, huwa suffiċjenti mingħajr ma dan tal-aħħar jaqa' fuqu l-oneru tal-prova ulterjuri ta' preġudizzju attwali. <u>Ir-raba' aggravju</u> tal-appellant huwa li t-Tribunal żbalja meta ddeċieda li l-*Facebook post* ma kienx jikkonsisti f'*'data personali',* u għalhekk ma kienx hemm ksur tas-subartikolu 15(3) tar-Regolament Ewropew. Jirrileva li t-Tribunal naqas li

jispjega r-raġuni tiegħu, u qal biss li huwa ma setax jifhem kif il-Kummissarju kien wasal għal dik il-konklużjoni. L-appellant jispjega li l-*Facebook post* in kwistjoni saħansitra kien identifika lill-appellant ukoll għaliex kien deher ismu u anki ritratt tiegħu. Ikompli jispjega li dan il-*Facebook post* kien ġie pproċessat u arkivjat mis-soċjetà appellata għal raġunijiet marbuta mal-impjieg tiegħu u mal-attività sindakali tiegħu, iżda wkoll għaliex intuża f'proċeduri kriminali fir-rigward ta' allegazzjoni ta' defamazzjoni li baqgħet ma ġietx ippruvata jew konfermata mill-Qorti. Dwar il-ħames aggravju, l-appellant jispjega li t-Tribunal żbalja għal darb'oħra meta wasal għall-konklużjoni li s-soċjetà appellata m'għandhiex tagħtih id-dokumenti kollha rimanenti, minkejja li din ma kienet invokat l-ebda restrizzjoni għajr wara t-terminu mogħti lilha mil-liġi. Wara li spjega s-sekwenza tal-fatti kif ġraw, l-appellant irrileva li għalhekk kienu għaddew iktar minn sitt xhur, meta huwa rreġistra l-ilment tiegħu mal-Kummissarju. L-appellant isostni li l-korrispondenza tat-23 ta' Ottubru, 2018 ma kinitx ħelset lis-soċjetà appellata mill-obbligu oriġinali tagħha. Jinsisti wkoll li lanqas ma kienet ġustifikata l-konklużjoni tat-Tribunal, għaliex id-dokumenti li s-soċjetà appellata kienet għaddiet fis-*'sample documentation'* ma kellhomx jitqiesu bħala *"legally privileged"* skont kif kienet qegħda targumenta. L-appellant jilmenta mill-fatt li t-Tribunal fir-rigward ta' dik id-dokumentazzjoni, iddeċieda li dik rimanenti kienet kunfidenzjali, u dan mingħajr ma kien raha jew analizzaha, fejn minflok straħ fuq kategorizzazzjoni ġenerika li kienet għamlet is-soċjetà appellata f'stadju tardiv b'tentattiv sabiex tiskolpa ruħha. Għalhekk jissottometti ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni tat-Tribunal li jilqa' l-aggravju tas-soċjetà appellata. Barra minn hekk jekk d-data in kwistjoni kienet tassew koperta b'privileġġ legali, it-Tribunal kellu jiddeċiedi li s-soċjetà

appellata kienet tenuta tirrileva dan mill-ewwel, u li tinforma debitament lill-appellat, sabiex b'hekk ikun jista' iressaq ilment quddiem il-Kummissarju jekk huwa ma kienx qed jaqbel magħha. Jispjega li t-Tribunal qabel mas-soċjetà appellata li hija għandha dritt tiddeċiedi dwar il-kwistjoni mingħajr ebda skrutinju jew reviżjoni tal-awtoritajiet jew tal-Qrati, u li huwa kellu joqgħod għad-deċiżjoni tagħha bi preġudizzju għad-drittijiet tiegħu. L-appellant jirrileva li huwa sar jaf bil-kategorizzazzjoni tad-data kif indikata fil-para. 85 tal-appell tas-soċjetà appellata, proprju permezz tal-istess appell. Jgħid li t-tema ta' privileġġ legali kienet ġie ttrattata fil-fond mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-każijiet bin-numri T-125/03 u T-253/03 fl-ismijiet **Akzo Nobel Chemicals u Akros Chemicals Ltd vs Commission of the European Communities**. Jispjega li hemmhekk saret distinzjoni bejn avukat indipendenti li ma jkunx impjegat mal-kontrollur tad-data, u avukat li jkun impjegat u għalhekk mhux indipendenti mill-kontrollur tad-data. Wara li jiċċita diversi siltiet minn dawk id-deċiżjonijiet, l-appellant jagħmel riferiment għal digriet fil-proċeduri tar-Rik. Nru. 469/2016MH fl-ismijiet **L-Avukat Kris Borg (K.I. nru. 10768(M)) bħala mandatarju ta' Jan Sammut (K.I. nru. 94872(M)) preżentament assenti minn Malta *vs.* HSBC Bank Malta p.l.c.** Jissottometti li b'kull rispett lejn il-Qorti fil-każ riferit, fil-fehma tiegħu l-prinċipji deċiżi mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ma japplikawx biss fl-ambitu tal-liġi tal-kompetizzjoni, iżda wkoll f'kull ambitu partikolarment fir-rigward ta' kwistjoni relatata ma' regolament Ewropew bħal ma huwa l-GDPR, u dan ġaladarba d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja jagħmlu stat fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea. <u>Is-sitt aggravju</u> tal-appellant jirrigwarda l-penali mposta, li qed jikkontendi li ma kellhiex tiġi mnaqqsa mit-Tribunal. Hawn huwa jagħmel riferiment għal dawk l-

argumenti mfissra aktar 'il fuq fir-rikors tiegħu, iżda wkoll għas-sottomissjonijiet tiegħu ppreżentati fl-appell inċidentali in sostenn ta' dan l-aggravju.

8. Is-soċjetà appellata wieġbet għall-ewwel żewġ aggravji billi kkontendiet li ladarba t-Tribunal igawdi minn mansjonijiet speċifiċi li jipprovdu għalihom liġijiet speċjali, dan ma jistax jiġi kkunsidrat bħala 'Qorti ordinarja', u lanqas jista' jiġi 'preżunt' li tapplika għalih il-liġi ordinarja fir-rigward tal-proċedura tal-appell, f'dan il-każ il-Kap. 12. Tirrileva li b'differenza minn liġijiet oħra, hawnhekk il-leġislatur m'għamel l-ebda riferiment għall-Kap. 12, u minflok l-artikolu 26 tal-Kap. 586 jipprovdi fid-dettal il-proċedura tal-appell quddiem it-Tribunal, u mkien ma jirriżulta d-dritt tal-appell inċidentali. Filwaqt li tinvoka l-applikazzjoni tal-prinċipju legali *ubi lex voluit dixit,* tissottometti wkoll li l-ġudikant stess jista' jirrileva *marte proprio* dawk l-elementi essenzjali għall-validità ta' proċedura fejn dawn jolqtu l-ordni pubbliku. Għal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju, taċċetta li mhux kontestat il-fatt li l-informazzjoni mitluba mill-appellant kienet ingħatat lilu wara t-terminu ta' tletin ġurnata stabilit permezz tal-Artikolu 15 tar-Regolament, iżda tiċċita d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 12(3) tal-istess fejn jingħad li l-perijodu *"...jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn meħtieġ, b'kont dovut tal-kumplessità u n-numru ta' talbiet".* Issostni li l-fatt li t-termini skadew, ma kienx ifisser li hija għandha tinstab li kisret il-liġi. Tikkontendi li l-appellant ħoloq konfużjoni bejn l-entitajiet differenti tal-HSBC Group, jiġifieri dik f'Malta u dik 'il barra mill-pajjiż, u kien ukoll ħoloq ostakolu bin-numru ta' lmenti differenti u permezz ta' diversi proċeduri legali li wħud minnhom kienu għadhom ma spiċċawx. Hawnhekk tirrileva li saħansitra l-Kummissarju stess kien għaraf li -

> *"it is an undisputed fact that the right of access request was filed amid various contentions and ongoing proceedings on different fronts, including another complain with the Commissioner, which at the time of the request was still under investigation. In particular, the Commissioner noted the pending court proceedings Muscat Mark vs HSBC Bank Malta plc and Muscat Mark et vs HSBC bank Malta plc".*

Is-soċjetà appellata tispjega li għalhekk it-talba tal-appellant ma kinitx *"subject access request"* kwalunkwe, iżda talba waħda skont hi ripetuta u eċċessiva, li saret taħt l-Artikolu 15 tar-Regolament f'kuntest iktar wiesa' ta' ħafna iżjed proċeduri legali bejn il-partijiet li kienu qegħdin isiru fl-istess żmien. Barra minn hekk tgħid li kien hemm konfużjoni ġenwina min-naħa tagħha stante li l-appellant kien għamel diversi talbiet magħha u anki fir-Renju Unit, fejn uħud minnhom kienu duplikati. Tispjega li saħansitra kien indaħal l-*Information Commissioner's Office* li huwa r-Regolatur Ingliż, u dan sabiex jiddeċiedi min kellu l-ġurisdizzjoni fuq il-kwistjoni li kienet waħda fost bosta bejn il-partijiet. Għalhekk it-Tribunal kien korrett meta qal li minkejja l-element ta' dewmien, ma kien hemm l-ebda negliġenza min-naħa tagħha, u anki meta kkunsidra jekk id-dewmien kellux effett negattiv fuq l-appellant. Tikkontendi li fil-fatt ma saret l-ebda ħsara lid-drittijiet fundamentali tiegħu, iżda l-appellant min-naħa l-oħra kien kiseb dak li xtaq, jiġifieri li fixkel l-operat tal-HSBC u li ħammeġ ir-reputazzjoni tagħha ma' terzi. Dwar l-argument tal-appellant li t-Tribunal kien tenut jagħtih xi forma ta' rimedju pekunjarju, is-soċjetà appellanta tikkontendi li din hija kwistjoni irrilevanti f'kuntest ta' appell minn deċiżjoni tal-Kummissarju, u r-rimedju huwa jista' jfittxu quddiem il-Qrati ordinarji. Is-soċjetà appellata mbagħad tgħaddi sabiex tindirizza r-raba' aggravju tal-appellant, u tgħid li t-Tribunal irraġuna li ġaladarba l-*Facebook post* kien ittella' mill-appellant stess f'post pubbliku, dan ma setax jitqies bħala data personali

skont kif qed jippretendi l-appellant. Is-soċjetà appellata tiddikjara li hija qegħda tagħmel tagħha dan ir-raġunament, iżda tirrileva wkoll diversi punti oħra. Tgħid li fl-ewwel lok dan il-*Facebook post* ittella' minnu stess, u għalhekk l-appellant kien qed jitlob sabiex jingħata informazzjoni li suppost kellu. Madankollu hija kienet diġà għaddiet l-informazzjoni rikjesta lill-appellant permezz tal-ittra legali tat-2 ta' Diċembru, 2016, iżda jekk il-Kummissarju kien tal-fehma li l-appellant għandu xi dritt għal 'aktar kopji' *ai termini* tas-subartikolu 15(3) tar-Regolament, dan ma kienx ifisser li huwa seta' jibqa' jitlob l-istess ħaġa ripetutament. Hija hawn tagħmel riferiment għal deċiżjoni separata tal-Kummissarju ref. CDP/7/2018, fejn kien sab li hija kienet ipproċessat il-*Facebook post* b'mod legali skont ir-Regolament. Tikkontendi li r-rikjesta tal-appellant ma kinitx tnaqqas mill-fatt li hija għandha dritt skont il-liġi li ma tippreġudikax lilha nnifisha f'proċeduri legali li jkunu għaddejjin, u hija kienet ġustifikata li ma tweġibx għall-provokazzjonijiet tal-appellant, li kienu qegħdin isiru permezz ta' talbiet ripetuti, eċċessivi u mingħajr bażi legali, u tillimita ruħha għal dak il-materjal li huwa kellu dritt li jirċievi mingħandha, iżda li kien jikkonsisti f'mijiet ta' pagni ta' dokumenti. Tissottometti li għalhekk it-Tribunal kien korrett meta ma tax raġun lill-appellant, li wara kollox ħoloq is-sitwazzjoni kollha huwa stess. Dwar il-ħames aggravju, is-soċjetà appellata qabel xejn tissottometti li ma kinitx qegħda taqbel mal-appellant li ġaladarba hija kienet naqset li tissolleva l-eċċezzjoni tagħha f'waqtha, hija kienet tilfet il-jedd li tinvokaha sabiex ma tgħaddilux dokumenti. Tgħid li hija tista' tinstab ħatja, kif instabet, talli ma qajmitx din il-ġustifikazzjoni f'waqtha, imma dan ma kienx iwassal sabiex hija titlef id-drittijiet tagħha skont il-liġi. Is-soċjetà appellata tissottometti wkoll li hemm konfużjoni fl-appell tal-appellant, iżda sa

ċertu punt anki fid-deċiżjoni appellata, bejn l-'eċċezzjoni' li tinstab fis-sub-regolament 4(3) tal-Kap. 586.09 u l-prinċipju iktar speċifiku ta' 'informazzjoni privileġġata', jiġifieri 'soġġetta għal privileġġ legali/*legal privilege*', li m'għandha x'taqsam xejn mal-kunċett ta' 'segretezza professjonali' ta' avukat. Għalhekk għaddiet sabiex tittratta l-istess kunċetti separatament. Għal dak li jirrigwarda l-para. (e) tar-Regolament 4 tal-Kap. 586.09, tirrileva li l-Kummissarju stess jaċċetta li għalkemm hemm diversi drittijiet tas-suġġetti tad-*data* taħt ir-Regolament, il-liġi Maltija tipprovdi għal ċerti restrizzjonijiet, fosthom id-dritt għall-aċċess tad-data taħt l-Artikolu 15 tar-Regolament, u għalhekk id-dritt mhux wieħed assolut. Filwaqt li jiċċita l-imsemmi para. (e) tar-Regolament 4, is-soċjetà appellata tissottometti li din l-eċċezzjoni hija iżjed wiesgħa mill-kunċett ta' *legal privilege* għaliex tkopri wkoll kull informazzjoni oħra li ż-żamma tagħha hija *'neċessarja [u] meħtieġa ... għat-twaqqif, eżerċizzju u difiża ta' pretesjoni legali u għal proċeduri legali li jistgħu jinbdew taħt xi liġi'.* Hija tagħmel riferiment wkoll għar-regolament 6, u tgħid li l-applikazzjoni korretta ta' din ir-restrizzjoni min-naħa tagħha, kienet ġiet milqugħa mill-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu, iżda mhux fir-rigward tal-*Facebook post.* Tfakkar li hija kienet permezz ta' *email* tas-16 ta' Ottubru, 2018 għaddiet bosta dokumenti lill-appellant, iżda kienet opponiet biss fir-rigward ta' materjal li hija kienet ser tuża f'proċeduri legali kontriha, u dawk li huma privileġġati bejn avukat u l-klijent tiegħu. Għal dak li jirrigwarda il-'privileġġ legali', tirrileva li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu aċċetta r-raġunament, għajr għal dak li jirrigwarda l-*Facebook post,* u aċċetta li d-dokumentazzjoni li ma ġietx mgħoddija lill-appellant kienet milquta minn din ir-restrizzjoni. Tispjega li madankollu t-Tribunal għamel riferiment ukoll għall-'privileġġ legali', u l-appellant qed jargumenta li dan ma

japplikax għall-korrispondenza nterna fejn għandu x'jaqsam l-*in-house counsel* tagħha. Tissottometti li l-implikazzjoni hija li dawn tal-aħħar mhumiex marbutin bl-obbligi ta' segretezza professjonali, iżda dan ir-raġunament tikkontendi li huwa wieħed żbaljat għal diversi raġunijiet. Tispjega li skont il-liġi Maltija, pariri legali bejn avukat u klijent huma dejjem privileġġjati, irrispettivament jekk l-avukat huwiex impjegat tal-parti jew estern/indipendenti. In sostenn ta' dan, is-soċjetà appellata tiċċita l-artikolu 588 tal-Kap. 12 u sentenza tal-Qrati Ingliżi. Hija ċċitat ukoll mis-*Civil Procedure Rules (The White Book)* u mill-*Practice Note for Advocates – Legal Professional Privilege* dwar il-materja, u tikkontendi li ġaladarba l-każ ma jirrigwardax reat li għalih huwa applikabbli l-*crime exception,* m'hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhomx japplikaw il-prinċipji tal-privileġġ legali. Tirrileva li s-sentenzi tal-ECJ ċitati mill-appellant, jirrigwardaw investigazzjonijiet jew proċeduri konnessi ma' allegat ksur tal-liġijiet tal-kompetizzjoni. Dwar is-sitt aggravju, tgħid li ftit hawn għandha xi tgħid, u ssostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda raġonevoli meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Hija kienet qegħda tittama li l-appell tagħha jintlaqa' u l-multa titħassar, iżda ġaladarba ngħatat id-deċiżjoni, hija kienet qegħda taċċettaha kif inhi. Madankollu tikkontendi li d-deċiżjoni għandha tiġi kkonfermata mingħajr ma tiżdied il-multa.

9. Il-Qorti ma ssibx raġuni tajba sabiex tbiddel id-deċiżjoni appellata. Tibda billi tikkunsidra l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellant. Tqis li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 26 tal-Kap. 586 ma jħallu l-ebda dubju li l-intendiment tal-leġislatur kien proprju li jirregola l-proċedura tal-appell quddiem it-Tribunal permezz tal-istess, fejn wieħed ma jsib l-ebda provvediment li permezz tiegħu l-partijiet ingħataw ukoll il-fakultà li jintavolaw appell inċidentali. Imbagħad, sewwa

tirrileva s-soċjetà appellata, li kuntrarjament għal diversi liġijiet oħra, hawnhekk jonqos kull riferiment għall-proċedura tal-appell kif jipprovdi għaliha l-Kap. 12. Għalhekk fin-nuqqas tal-applikabbiltà espressa tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 12, appell minn deċiżjoni tal-Kummissarju quddiem it-Tribunal jista' jiġi regolat biss skont l-artikolu 26 tal-Kap. 586. L-appellant jippretendi li t-Tribunal qabel ma għadda għad-deċiżjoni tiegħu, kien tenut li jagħti l-opportunità lill-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar in-nuqqas ta' kompetenza tiegħu li huwa stess qajjem minn jeddu. Il-Qorti ma taqbilx, u dan tgħidu fid-dawl tal-fatt li l-kwistjoni tal-kompetenza o meno tat-Tribunal hawnhekk hija waħda purament ta' ordni pubbliku fejn kwalunkwe sottomissjoni li jistgħu jressqu l-partijiet, ma tista' fl-ebda ċirkostanza xxejjen dak stabbilit fil-liġi. Sabiex isostni l-argument tiegħu, l-appellant jagħmel riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) kif fuq ċitata, iżda l-Qorti tirrileva li l-kwistjoni hemmhekk kienet tirrigwarda l-interess ġuridiku o meno ta' parti. Għalhekk mingħajr dubju d-deċiżjoni tagħha kienet tolqot il-mertu u kellha tistrieħ fuq dak li seta' jiġi rilevat mill-partijiet permezz ta' provi jew tas-sottomissjonijiet tagħhom. L-istess ma jistax jingħad għall-każ odjern, u għaldaqstant ir-riferiment għal dik is-sentenza huwa irrilevanti. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx l-ewwel żewġ aggravji ġustifikati, u tiċħadhom.

10. Dwar il-mertu, il-Qorti tgħid li hawn ukoll it-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Ikkunsidra li s-soċjetà appellata kienet naqset milli tinforma lill-appellant li hija kellha bżonn iktar żmien sabiex tgħaddilu l-informazzjoni mitluba mingħandha u r-raġunijiet għad-dewmien tagħha, iżda osserva li ma kienet tressqet l-ebda prova li kienet turi negliġenza min-naħa tas-soċjetà appellata, u lanqas li b'hekk l-appellant kien sofra xi preġudizzju. Il-Qorti

tikkondividi l-ħsieb tat-Tribunal, u dan filwaqt li tirrileva li skont is-subartikolu 12(3) tar-Regolament ma jidhirx li l-estensjoni tat-terminu oriġinali jiddependi fuq in-notifika tal-persuna suġġetta. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx it-tielet aggravju ġustifikat, u tiċħdu.

11. It-Tribunal ikkunsidra wkoll li l-*Facebook post* li sar mill-appellant ma kienx jaqa' fil-parametri tat-tifsira ta' *'data personali'* kif jipprovdi għaliha s-subartikolu 4(1) tar-Regolament. Il-Qorti tagħraf li t-Tribunal tassew ma fissirx f'ħafna kliem għaliex huwa kien wasal għal din il-konklużjoni, iżda l-fatt li kkunsidra li dan il-*Facebook post* ittella' mill-appellant stess pubblikament tassew jirrifletti dak li kellu f'moħħu, u proprju laqat żewġ fatturi mportanti li jimmiltaw kontra l-aggravju tal-appellant: (a) il-*post* tellgħu l-appellant stess; u (b) dan f'post aċċessibbli għall-pubbliku. Meħudin in konsiderazzjoni dawn iż-żewġ aspetti, il-Qorti ma tarax li t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li l-*Facebook post* ma setax jitqies li jaqa' fil-parametri tat-tifsira ta' *'data personali".* Fi kwalunkwe każ il-Qorti tikkunsidra l-argument tas-soċjetà appellata msejjes fuq dak li qal il-Kummissarju f'deċiżjoni separata dwar il-*Facebook post* ref.CDP/7/2018, jiġifieri li *"...the controller had a legitimate interest within the meaning of Article 9(f) of the Act to process such personal data contained in the relevant Facebook posts, in order to take or consider the relevant legal or disciplinary action".* Tgħid li anki jekk wieħed għandu jikkunsidra l-*Facebook post* bħala *'data personali',* is-soċjetà appellata bla dubju kellha kull interess leġittimu *ai termini* tal-para. 9(f) tal-Kap. 586 sabiex tipproċessa l-imsemmija informazzjoni. Għaldaqstant ir-raba' aggravju tal-appellant mhux ġustifikat, u l-Qorti tiċħdu wkoll.

12. It-Tribunal filwaqt li kkunsidra li s-soċjetà appellata kienet qegħda tikkontendi li hija ma kellhiex tgħaddi lill-appellat diversi dokumenti kif indikati minnha, irrikonoxxa li *"...dokumenti ta' materja kunfidenzjali jmorru oltre dawk protetti mil-liġi tad-Data".* B'hekk it-Tribunal tajjeb stqarr li kellha ssir distinzjoni bejn dokumenti li huma ta' natura kunfidenzjali u dawk li kienu jaqgħu taħt il-liġi tad-data, fejn l-informazzjoni kienet tirrigwarda informazzjoni personali dwar l-appellat. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal korrettement iddeċieda li d-dokumenti kontestati kienu jaqgħu taħt it-tifsira ta' materjal kunfidenzjali, u għalhekk ma kellhomx jingħataw lill-appellant. Hawnhekk l-appellant qed isostni li ma setgħetx tintlaqa' l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellata fejn kienet qegħda tinvoka restrizzjoni, u dan għaliex kien diġà għadda t-terminu mogħti lilha mil-liġi sabiex tressaq l-oġġezzjoni tagħha msejsa fuq l-imsemmija restrizzjoni. Iżda l-Qorti mill-ewwel għandha tirrileva li minn imkien ma jirriżulta li s-soċjetà appellata kellha l-obbligu li tinvoka xi restrizzjoni favur tagħha f'terminu stabbilit, hekk kif hija tirċievi r-rikjesta għall-informazzjoni mingħand l-appellant. Għalhekk isegwi li hija kellha kull dritt li tinvoka restrizzjoni fil-konfront ta' dak mitlub minnha f'kull ħin wara, anki waqt il-proċeduri quddiem il-Kummissarju u t-Tribunal. Meta mbagħad il-Qorti qieset dak li kien qed jiġi mitlub mill-appellant mingħand is-soċjetà appellata, fejn din tal-aħħar kienet qegħda tikkontendi li d-dokumentazzjoni kienet ta' natura kunfidenzjali, tgħid li hawn ukoll it-Tribunal iddeċieda tajjeb. Tikkunsidra li kull informazzjoni jew dokumentazzjoni relatata mal-vertenzi legali bejn il-partijiet, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala mħarsa mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 586 jew kull liġi sussidjarja magħmula taħtha jew saħansitra mir-Regolament. Kif sewwa ddeċieda t-Tribunal, fil-każ odjern dawn kienu jikkostitwixxu materjal

kunfidenzjali u għalhekk ma kellhomx jgħaddu għand l-appellant. Il-Qorti żżid tgħid biss, li kif tajjeb tirrileva s-soċjetà appellata, hemm ċerta konfużjoni fir-rikors tal-appell fejn l-appellant fl-istess ħin hawn jitkellem ukoll dwar il-privileġġ legali. Madankollu ma tarax li jkun utli li tittratta wkoll dan il-prinċipju f'proċeduri fejn kjarament dan ma jsibx postu. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx il-ħames aggravju mistħoqq, u tiċħdu.

13. L-aħħar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena mposta fuq is-soċjetà appellata mill-Kummissarju, li t-Tribunal iddeċieda li jnaqqas għal elf Euro (€1,000). Huwa ma jressaq l-ebda argument partikolari kontra dan it-tnaqqis, iżda jagħmel biss riferiment għas-sottomissjonijiet magħmulin iktar 'il fuq fir-rikors tiegħu. L-istess tagħmel is-soċjetà appellata meta twieġeb għal dan l-aħħar aggravju tal-appellant. Il-Qorti tikkunsidra li ġaladarba hija qegħda taqbel ma' dak kollu li ġie kkunsidrat mit-Tribunal, u anki mal-konklużjonijiet milħuqa minnu, u fin-nuqqas ta' argumenti ġodda li l-appellant seta' għamel meta ppreżenta dan l-aħħar aggravju tiegħu, hija ma ssibx raġuni għaliex għandha tbiddel il-piena ridotta mit-Tribunal. Għaldaqstant tgħid li dan l-aħħar aggravju ukoll mhux ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u dawk tal-appell odjern, għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**